**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 20 tal-31 ta' Jannar 1997 dwar il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol meta s-seduta tkun filgħodu**

Għad-domanda mqajma mill-Onor. Gonzi, is-Sedja qed tgħid li skont il-prassi stabbilita f'dan il-Parlament, u kif sar anke din il- ġimgħa stess f'seduti oħra filgħodu mingħajr oġġezzjoni, u li b'dan il-Kamra wriet l-aċċettazzjoni tagħha, is-seduta ġiet aġġornata f'nofsinhar, u llum minħabba l-fatt li kien hemm il-votazzjoni żdied il-ħin li ttieħed għall-votazzjoni.